DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE, Euratom) 2018/194

tat-8 ta' Frar 2018

li tistabbilixxi mudelli għad-dikjarazzjonijiet tal-kontijiet għall-intitolamenti ta' riżorsi proprji u formola għar-rapporti dwar ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati korrispondenti għall-intitolamenti għar-riżorsi proprji skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti ([1]) u b'mod partikolari l-Artikoli 6(4) u 13(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2016/2366 ([2]), tippreskrivi l-arranġamenti għat-trażmissjoni ta' informazzjoni lill-Kummissjoni mill-Istati Membri taħt is-sistema tar-riżorsi proprji.

(2) Il-mudelli jeħtieġ li jkunu stabbiliti għal kull xahar tat-trażmissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kont "A" u tal-kont "B" sabiex ikunu jistgħu jiġu rrapportati b'mod strutturat. Huwa neċessarju li jkun iċċarat li "l-ammonti rkuprati" jirriflettu t-twettiq tal-obbligi finanzjarji tal-Istati Membri biex jagħmlu disponibbli riżorsi proprji tradizzjonali u mhux biss il-ħlasijiet riċevuti mill-Istati Membri ta' operaturi ekonomiċi minħabba d-dazji doganali. Għalhekk, "l-ammonti rkuprati" jenħtieġ li inkludu b'mod espliċitu dawn l-ammonti, li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-Unjoni minħabba li n-nuqqas ta' rkupru tagħhom lejn debituri huwa attribwibbli lill-Istati Membri wara żbalji amministrattivi jew nuqqas ta' diliġenza fl-isforzi ta' rkupru tal-Istati Membri. Informazzjoni addizzjonali jenħtieġ li tkun ipprovduta fir-rendikonti biex tikkontribwixxi għal aktar ċarezza u trasparenza fir-rendikonti.

(3) L-ammonti kollha disponibbli bħala riżorsi proprji tradizzjonali fuq il-kontijiet tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014, jenħtieġ li jkunu introdotti fir-rendikonti kontabilistiċi, u, jekk ikun il-każ, l-annessi tagħhom. Biex ikun żgurat li l-ammonti kollha jkunu rreġistrati, anki dawk disponibbli barra mil-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 10(1) ta-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014, informazzjoni addizzjonali jenħtieġ li tiddaħħal fl-annessi sussegwenti mar-rendikont tal-kont "A".

(4) Ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 jenħtieġ li jkun fih il-fatti kollha neċessarji biex issir eżaminazzjoni sħiħa tar-raġunijiet, li ostakolaw lill-Istat Membru milli jagħmel disponibbli l-ammonti meqjusa jew iddikjarati irrekuperabbli li jaqbżu EUR 100 000, inkluż il-miżuri ta' rkupru meħuda mill-Istat Membru. Ir-rapporti ppreżentati skont id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni (UE, Euratom) 2016/2366 xi drabi ma jkunux eżawrjenti u għal dik ir-raġuni jkun meħtieġ li jsiru talbiet għal informazzjoni addizzjonali lill-Istati Membri kkonċernati. Għaldaqstant, huwa neċessarju li jkunu introdotti elementi u kjarifikazzjonijiet addizzjonali fil-formoli eżistennti, bħal dettalji ulterjuri fuq id-dejn imġarrab u fuq l-avvenimenti li wasslu għall-istabbiliment tal-intitolament, dwar l-assistenza reċiproka u dwar il-proċess ta' pagament u ta' rkupru.

(5) Jenħtieġ li jkunu kkunsidrati l-emendi tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 introdotti bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2016/804 ([3]) applikabbli mill-1 ta' Ottubru 2016 fir-rigward tal-ħelsien potenzjali mill-obbligu li dawk l-ammonti ta' riżorsi proprji tradizzjonali li jirriżultaw irrekuperabbli minħabba d-dħul differit fil-kontijiet jew notifika differita tad-dejn doganali jkunu disponibbli għall-baġit tal-Unjoni sabiex ma jiġux ippreġudikati investigazzjonijiet kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

([1]) ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2016/2366 tad-19 ta' Diċembru 2016 li tistabbilixxi mudelli għad-dikjarazzjonijiet tal-kontijiet għall-intitolamenti ta' riżorsi proprji u formola għar-rapporti dwar ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati korrispondenti għall-intitolamenti għar-riżorsi proprji skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 (ĠU L 350, 22.12.2016, p. 30).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2016/804 tas-17 ta' Mejju 2016 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 85).

(6) Huwa neċessarju li jkun ipprovdut għal perjodu ta' tranżizzjoni biex l-Istati Membri jingħataw żmien jadattaw għall-bidliet introdotti fil-forom tar-rapportar skont l-Artikoli 6(4) u 13(3) tar-regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014.

(7) Għal raġunijiet ta' ċarezza u ċertezza legali, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE, Euratom) 2016/2366 jenħtieġ li tkun imħassra,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jużaw il-mudelli li stabbiliti fl-Annessi I, II, III u IV ta' din id-Deċiżjoni biex ifasslu d-dikjarazzjonijiet tal-kontijiet għall-intitolamenti għar-riżorsi proprji msemmija fl-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jużaw il-formola stabbilita fl-Anness V ta' din id-Deċiżjoni biex ifasslu rapporti dwar ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati li jikkorrispondu għal intitolamenti għal riżorsi proprji msemmija fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014. Huma għandhom jittrażmettu dawn ir-rapporti billi jużaw is-sistema ta' ġestjoni u informazzjoni elettronika bbażata fuq l-Internet ipprovduta mill-Kummissjoni.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jużaw il-mudelli msemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni sa mhux aktar tard mill-20 ta' Lulju 2018. L-Istati Membri għandhom jużaw il-mudelli msemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE, Euratom) 2016/2366 sad-19 ta' Lulju 2018.

2. L-Istati Membri għandhom jużaw il-formola msemmija fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni sa mill-1 ta' Settembru 2018. L-Istati Membri għandhom jużaw il-formola msemmija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE, Euratom) 2016/2366 sal-31 ta' Awwissu 2018.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE, Euratom) 2016/2366 titħassar mill-1 ta' Settembru 2018.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Frar 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

KONT "A" TAR-RIŻORSI PROPRJI TAL-UNJONI EWROPEA

Dikjarazzjoni ta' intitolamenti stabbiliti [1]

Stat Membru:

Ix-xahar/Is-sena:

(fil-munita nazzjonali)

TIP TAR-RIŻORS		Referenza tal-Istat Membru (fakultattiva)	Kontijiet stabbiliti fix-xahar [2] (1)	Ammonti rkuprati minn kontijiet separati [3] (2)	Korrezzjonijiet tal-istabbilimenti preċedenti [4]		Ammonti gross (5) = (1) + (2) + (3) − (4)	Ammonti nett (6)
					+ (3)	− (4)		
1210	Dazji doganali (eskluži d-dazji kompensatorji u ta' antidumping)							
1230	Dazji kompensatorji u ta' antidumping fuq il-prodotti							
1240	Dazji kompensatorji u ta' antidumping fuq is-servizzi							
12	**DAZJI DOGANALI**							
1100	Levies ta' produzzjoni relatati massena kummerċjali 2005/2006 u s-snin ta' qabel							
1110	Levies fuq il-ħażna taz-zokkor							
1130	Imposti oħra fuq zokkor C, isoglukożju C u produzzjoni ta' xropp talinulina C, u fuq zokkor C sostitut u isoglukożju C, mhux esportati							
1170	Imposta fuq il-produzzjoni							

(fil-munita nazzjonali)

TIP TAR-RIŻORS		Referenza tal-Istat Membru (fakultattiva)	Kontijiet stabbiliti fix-xahar (2)	Ammonti rkuprati minn kontijiet separati (3)	Korrezzjonijiet tal-istabbilimenti preċedenti (4)		Ammonti gross	Ammonti nett
			(1)	(2)	+ (3)	– (4)	(5) = (1) + (2) + (3) – (4)	(6)
1180	Ammonti ta' darba fuq kwota addizzjonali taz-zokkor u kwota supplementari tal-isoglukożju							
1190	Ammont ta' Surplus							
11	**LEVIES FUQ IZ-ZOKKOR**							
	TOTAL 12 + 11							
					– 20 % kost tal-ġbir – 25 % kost tal-ġbir (5) – 10 % kost tal-ġbir (6)			
					Total li jrid jitħallas lill-UE			

(1) Inklużi intitolamenti b'riżultat ta' spezzjonijiet u każijiet ta' frodi u irregularitajiet.
(2) Inklużi l-korrezzjonijiet ta' kontabbilità.
(3) Inklużi l-ammonti ddikjarati jew meqjusa bħala irrekuperabbli għal raġunijiet attribwibbli lill-Istati Membri.
(4) Korrezzjonijiet tal-istabbilimenti inizjali, b'mod partikolari każijiet ta' rkupru u ripagament wara l-ikklirjar. Għaz-zokkor, korrezzjonijiet relatati mas-snin preċedenti jridu jsemmu s-sena ta' kummerċjalizzazzjoni kkonċernata.
(5) Ir-rata ta' tnaqqis ta' 25 % għandha tiġi applikata għal ammonti li, skont ir-regoli applikabbli tal-Unjoni, kellhom ikunu disponibbli bejn l-1 ta' Marzu 2001 u t-28 ta' Frar 2014.
(6) Ir-rata ta' tnaqqis ta' 10 % għandha tiġi applikata lill-ammonti li, skont ir-regoli applikabbli tal-Unjoni, kellhom ikunu disponibbli qabel it-28 ta' Frar 2001.

ANNESS II

ANNESS TAD-DIKJARAZZJONI TAL-KONT "A" TAR-RIŻORSI PROPRJI TAL-UNJONI EWROPEA

Monitoraġġ ta' ammonti rkuprati li ghandhom x'jaqsmu ma' każijiet ta' irregolaritajiet jew ta' dewmien identifikati permezz ta' miżuri ta' kontroll u superviżjoni ([1])

Ix-xahar/Is-sena

(fil-munita nazzjonali)

Ammont gross ta' riżorsi proprji rkuprati	Referenzi għal irregolaritajiet jew dewmien fil-verifiki, entrata fil-kontijiet u fid-disponibbiltà tar-riżorsi proprji nnutati b'riżultat ta' spezzjonijiet nazzjonali jew tal-Unjoni ([2]) ([3]) ([4])	Rata ta' tnaqqis li għandha tapplika ([5])			Ammonti inklużi taħt l-intestatura "Total li għandu jithallas lill-UE"		Informazzjoni oħra ([6])
		20 %	25 %	10 %	IVA ([7])	LE ([8])	
Total:							

([1]) L-Artikolu 2(3) jew it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 608/2014.
([2]) Ir-referenzi għar-rapporti skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 għandhom jissemmew ukoll f'din il-kolonna.
([3]) Ir-referenzi għall-ittri tal-Kummissjoni u għar-rapporti ta' spezzjoni għandhom jissemmew ukoll f'din il-kolonna.
([4]) Jekk applikabbli, ir-referenzi speċifiċi segwenti għandhom jissemmew ukoll:
— Ir-referenza OWNRES;
— Referenzi biex ikunu identifikati pagamenti individwali relatati mar-responsabbiltà finanzjarja tal-Istati Membri għall-iżbalji amministrattivi;
— Referenzi għad-deċiżjonijiet nazzjonali, kif ukoll inklużi fl-Anness mar-rendikont tal-kont separat (l-Anness IV) f'każijiet fejn l-Istat Membru b'mod awtonomu jqis li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 ma jkunux sodisfati u t-TOR isir disponibbli b'mod volontarju.
([5]) Immarka b'X ir-rata ta' żamma applikata għall-ammont.
([6]) Inkludi f'din l-intestatura aktar informazzjoni rigward kull ammont imniżżel fl-anness:
— Jekk l-ammont huwa disponibbli separatament mir-rendikont kurrenti ta' kull xahar u mhux inkluż fit-"total li għandu jithallas fl-UE", indika hawnhekk id-data ta' meta jsir disponibbli l-ammont u informazzjoni biex jiġi identifikat l-ammont fir-riskju;
— Indika hawnhekk jekk pagament ikun kondizzjonali;
— Id-data regolari biex dan l-ammont ikun disponibbli.
([7]) Immarka b'X, jekk l-ammont huwa inkluż fir-rendikont ta' kull xahar.
([8]) Immarka b'X jekk l-ammont sar disponibbli separatament u mhux inkluż f'rendikont preċedenti tal-Anness.

ANNESS III

RIŻORSI PROPRJI TAL-UNJONI EWROPEA — KONT SEPARAT [1]

Dikjarazzjoni tal-intitolamenti stabbiliti mhux inklużi fil-kont "A"

Stat Membru:

Tliet xhur/sena:

(fil-munita nazzjonali)

TIP TAR-RIŻORS		Pendenti mit-tliet xhur preċedenti (1)	Intitolamenti stabbiliti għall-kwart tas-sena kurrenti kurrenti (2)	Korrezzjonijiet tal-istabbilimenti (l-Artikolu 8) [2] (3)	Ammonti rrekuperabbli li ma jistgħux isiru disponibbli għal raġunijiet ġustifikati (l-Artikolu 13(2)) [3] (4)	Totali (1 + 2 ± 3 − 4) (5)	Ammonti rkuprati għall-baġit tal-UE matul il-kwart tas-sena kurrenti [4] [5] (6)	Pendenti fi tmiem il-kwart tas-sena kurrenti il-kwart tas-sena kurrenti (7) = (5) − (6)
1210	Dazji doganali (eskluži d-dazji kompensatorji u ta' antidumping)							
1230	Dazji kompensatorji u ta' antidumping fuq il-prodotti							
1240	Dazji kompensatorji u ta' antidumping fuq is-servizzi							
12	**DAZJI DOGANALI**							
1100	Levies ta' produzzjoni relatati massena kummerċjali 2005/2006 u s-snin ta' qabel							
1110	Levies fuq il-ħażna taz-zokkor							
1130	Imposti oħra fuq zokkor C, isoglukożju C u produzzjoni ta' xropp tal-inulina C, u fuq zokkor C sostitut u isoglukożju C, mhux esportati							
1170	Imposta fuq il-produzzjoni							

(fil-munita nazzjonali)

	TIP TAR-RIŻORS	Pendenti mit-tliet xhur preċedenti (1)	Intitolamenti stabbiliti għall-kwart tas-sena kurrenti kurrenti (2)	Korrezzjonijiet tal-istabbilimenti (l-Artikolu 8) ([2]) (3)	Ammonti rrekuperabbli li ma jistgħux isiru disponibbli għal raġunijiet ġustifikati (l-Artikolu 13(2)) ([3]) (4)	Totali (1 + 2 ± 3 – 4) (5)	Ammonti rkuprati għall-baġit tal-UE matul il-kwart tas-sena kurrenti ([4]) ([5]) (6)	Pendenti fi tmiem il-kwart tas-sena kurrenti il-kwart tas-sena kurrenti (7) = (5) – (6)
1180	Ammonti ta' darba fuq kwota addizzjonali taz-zokkor u kwota supplementari tal-isoglukożju							
1190	Ammont ta' Surplus							
11	**LEVIES FUQ IZ-ZOKKOR**							
	TOTAL 12 + 11							
						Stima tal-ammonti stabbiliti li għalihom l-irkupru mhuwiex ċert ([6])		

([1]) Il-kont "B" miżmum skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014, inklużi d-drittijiet stabbiliti b'riżultat tal-ispezzjonijiet u każijiet ta ' frodi u irregolaritajiet.

([2]) Il-korrezzjoni tal-istabbilimenti għandha tinftiehem bħala korrezzjonijiet, inkluż il-kanċellazzjonijiet li jirriżultaw minn reviżjoni ta' verifiki inizjali li ġejjin minn perjodi ta' kwart ta' sena preċedenti. Dawn huma differenti fin-natura taghhom minn dawk imniżżlin fil-kolonna (4).

([3]) Il-każijiet kollha għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness IV li se jintbagħat lura fl-istess żmien ta' din id-dikjarazzjoni ta' kull tliet xhur. It-total ta' din il-kolonna (4) u t-total fil-kolonna 2 tal-Anness IV għandu jkun l-istess.

([4]) L-ammont totali għal din il-kolonna għandu jkun l-istess bħall-kolonna (2) tad-dikjarazzjoni tal-kont "A" għat-tliet xhur konċernati.

([5]) Inklużi l-ammonti kollha li ma kinux ġew irkuprati minn debituri għal raġunijiet li jistgħu jiġu attribwiti lill-Istat Membru. Dawn iridu jiddaħħlu fil-kolonna 2 tar-rendikont tal-kont "A"(l-Anness I) u għandhom ukoll jintwerew fil-kolonna 1 tal-Anness IV.

([6]) Obbligatorju għall-aħħar tliet xhur ta' sena ta' kull sena. Jekk l-istima tkun żero, għandha tiddaħħal il-kelma "xejn".

ANNESS IV

ANNESS TAD-DIKJARAZZJONI TAL-KONT SEPARAT TAR-RIŻORSI PROPRJI TAL-UNJONI EWROPEA

Lista ta' ammonti fil-kont "B" iddikjarati jew meqjusa bħala li ma jistgħux jiġu rkuprati [1] [2]

Kwart ta' sena/sena

Ammont gross tar-riżorsi proprji		Referenza għad-deċiżjoni nazzjonali	Referenza OWNRES [3]	Referenza WOMIS [3]
Imdaħħla fil-kont "A"	Mhux imdaħħla fil-kont "A"			
(1)	(2)			
TOTAL:	TOTAL:			

[1] L-Artikolu 13(2) tar-Regolament Nru 609/2014.
[2] Inklużi l-ammonti kollha li ma kinux ġew irkuprati minn debituri għal raġunijiet li jistgħu jiġu attribwiti lill-Istat Membru.
[3] Jekk applikabbli.

ANNESS V

FORMOLA TAR-RAPPORT [1] **DWAR AMMONTI LI MA JISTGĦUX JIĠU RKUPRATI KORRISPONDENTI GĦALL-INTITOLAMENTI GĦAR-RIŻORSI PROPRJI**

Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-informazzjoni kollha għandha tiġi pprovduta jekk tkun disponibbli u rilevanti. L-ammonti kollha għandhom ikunu indikati fil-munita tal-Istat Membru rispettiv fil-mument tar-rapportar.

1. DEJTA ĠENERALI

Stat Membru: .....

Ir-referenza tar-rapport: .....

(il-kodiċi tal-Istat Membru/sena ta' referenza/numru tas-serje tas-sena ta' rapportar)

Ir-referenza għal formola ta' informazzjon relatata mibgħuta minn qabel b'mod konformi mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 608/2014: .....

Il-ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' referenza għall-formola ta' informazzjon li ssemmiet qabel: .....

Il-każ marbut mal-ispezzjoni tal-Unjoni (Iva/Le)

Referenza għal spezzjoni tal-Unjoni relatata: .....

Ammont totali irrekuperabbli: .....

L-Awtorità li ddikjarat jew ikkunsidrat l-ammont irrekuperabbli: .....

Ir-referenza nazzjonali tad-deċiżjoni amministrattiva tal-irrekuperabbiltà: .....

(Ara t-tielet kolonna tal-Anness IV)

Id-data tad-deċiżjoni amministrattiva tal-irrekuperabbiltà: .....

Id-data meta l-ammont kellu jkun ikkunsidrat irrekuperabbli: .....

2. DEJN IMĠARRAB

Data jew perjodu li matulu ġġarrab id-dejn: .....

Bażi ġuridika għad-dejn imġarrab: .....

(Il-bażijiet ġuridiċi li jippreċedu r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 [2] għandhom ikunu indikati billi jintuża l-artikolu rilevanti tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92)

Ir-rappreżentazzjoni indiretta (l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] jew prekursuri): (Iva/Le)

Sitwazzjoni doganali: .....

(Il-proċedura doganali fis-seħħ, is-sitwazzjoni tal-merkanziji jew it-trattament doganali approvat fil-mument meta inħoloq id-dejn doganali)

Id-dettalji addizzjonali li għandhom ikunu indikati fil-każ ta' movimenti ta' tranżitu:

— Id-data/i tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali [4]: .....

— L-Istat(i) Membru/i tat-tluq jew tad-dħul fl-Unjoni (Kodiċi ISO): .....

— L-Istat(i) Membru/i ta' destinazzjoni jew ta' ħruġ mill-Unjoni (Kodiċi ISO): .....

— MRN(s) [5] tad-dikjarazzjoni(jiet) tat-tranżitu jew tal-operazzjoni(jiet) TIR .....

— In-numru(i) tal-carnet TIR: .....

[1] Imsemmija fit-tieni u fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 609/2014.
[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).
[3] Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).
[4] Inkluż Carnets TIR.
[5] L-akronimu internazzjonali għal Numru ta' Referenza Prinċipali/Numru ta' Referenza tal-Moviment.

It-tip ta' kontroll li wassal għall-istabbiliment tal-intitolament: .....

— Verifiki mhux relatati mal-aċċettazzjoni ta' dikjarazzjoni doganali: .....

— Verifiki waqt l-ikklirjar ta' dikjarazzjoni doganali inkluż it-teħid ta' kampjuni: .....

— Verifiki mwettqa wara l-ikklirjar iżda qabel il-kwittanza tal-proċedura doganali: .....

— Verifiki mwettqa wara l-kwittanza tal-proċedura doganali għall-oġġetti: .....

— Verifiki wara l-ikklirjar u r-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera: .....

Id-data/i tal-kwittanza ta' proċedura/i doganali li għandha/hom tiġi/jiġu kkomunikati fil-każ ta' sitwazzjoni doganali li tinvolvi miżuri sospensivi (eż. konferma tal-wasla ta' tranżitu frodulenti): .....

Deskrizzjoni konċiża tal-avvenimenti li wasslu għall-istabbiliment tal-intitolament:

(il-mistoqsijiet li ġejjin għandhom ikunu dejjem indirizzati: Xi skatta l-verifiki jew l-investigazzjonijiet u meta? Meta ntemmu l-verifiki jew l-investigazzjonijiet (agħti d-dejta tar-rapport)? Liema oġġetti kienu involuti? Agħti dettalji dwar ir-raġunijiet li minħabba fihom ġie evaż id-dazzju. Il-verifika jew l-investigazzjoni ppermettiet li jsir il-kalkolu ta' dazji addizzjonali u l-identifikazzjoni tad-debitur(i)? Agħti d-data li fiha d-debituri differenti ġew identifikati u, jekk applikabbli, indika l-partijiet tad-dejn li minħabba fih saru debituri.)

Data meta l-investigazzjoni/l-ispezzjoni doganali/il-kontroll bdew; .....

Id-data meta r-rapport ta' spezzjoni/kontroll doganali kien prodott, li tippermetti li tidentifika d-debitur(i) u l-ammont ta' dazji addizzjonali; .....

3. ASSISTENZA REĊIPROKA

Il-każ ta' Assistenza reċiproka (AR) skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 [1] li jinvolvi d-dipartimenti tal-Kummissjoni (Iva/Le)

Referenza tal-komunikazzjoni tal-AR: .....

Data tal-wasla: .....

Kummenti (fakultattivi): .....

Referenza tal-fajl OLAF (format: LL/yyyy/nnnn) .....

Referenza tal-Operazzjoni Doganali Konġunta (JCO - Joint Customs Operation) (jekk applikabbli) .....

Każ relatat mal-Formola ta' Informazzjoni dwar ir-Riskju (RIF- Risk information Form) jew maż-Żona ta' Kontroll Prijoritarju Komuni (ŻKPK) (Iva/Le)

Referenza RIF (jekk applikabbli) .....

Referenza ŻKPK. (jekk applikabbli) .....

4. STABBILIMENT TAL-INTITOLAMENT

L-uffiċċju ta' stabbiliment: .....

Data tal-istabbiliment: .....

Ir-referenza tal-kontabbilità tal-istabbiliment (fakultattiva): .....

Id-data ta' dħul fil-kont B (l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014): .....

Ir-referenza tal-kontabbilità fil-kont B (fakultattiva): .....

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1).

Entrata fil-kontijiet jew notifika differita tad-dejn doganali sabiex ma tkunx ippreġudikata investigazzjoni kriminali li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 13(2), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014) (iva/le)

L-ammont totali ta' riżorsi proprji tradizzjonali stabbiliti: .....

L-ammont ta' dazji doganali u agrikoli stabbiliti bl-eċċezzjoni tad-dazji tas-sisa protettivi u ta' kontra d-dumping: .....

.....

L-ammont tad-dazji tas-sisa protettivi u ta' kontra d-dumping stabbiliti: .....

L-ammont stabbilit ta' levies fuq iz-zokkor/iżoglukożju: .....

L-ammont stabbilit korrispondenti tad-dazji tas-sisa nazzjonali u tal-VAT (fakultattiv): .....

L-ammont totali kkoreġut (żieda jew tnaqqis) tar-riżorsi proprji tradizzjonali wara l-istabbiliment inizjali: .....

L-ammont stabbilit tad-dazji doganali u agrikoli kkorreġuti (żieda jew tnaqqis) wara l-istabbiliment inizjali bl-eċċezzjoni tad-dazji kompensatorji u ta' anti-dumping: .....

L-ammont tad-dazji kompensatorji u ta' anti-dumping ikkoreġut (żieda jew tnaqqis) wara l-istabbiliment inizjali: .....

.....

L-ammont tal-korrezzjoni (żieda jew tnaqqis) tal-imposti fuq iz-zokkor/isoglukożju mwettqa wara l-istabbiliment inizjali: .....

.....

L-ammont korrispondenti tad-dazji tas-sisa nazzjonali u tal-VAT ikkorreġut (żieda jew tnaqqis) mwettqa wara l-istabbiliment inizjali (fakultattiv): .....

Ammont totali tas-sigurtà/tal-garanzija ([1]): .....

(L-ammont li jkopri r-riżorsi proprji tal-Unjoni u jekk applikabbli, id-dazji nazzjonali. Dan jista' jkun 0 f'każ ta' eżenzjoni jew f'każ li ma tiġix ippreżentata garanzija. Fil-każ ta' garanzija komprensiva ta' inqas minn 100 % tal-ammont ta' referenza, l-ammont ta' referenza għandu jkun indikat ukoll)

Il-parti mill-garanzija li għandha tiġi allokata għar-riżorsi proprji tal-Unjoni: .....

It-tip ta' garanzija (obbligatorja, fakultattiva, mhux ippjanata): .....

Tip ta' garanzija obbligatorja: .....

Ir-raġuni għaliex il-garanzija ppjanata ma ġietx ippreżentata: .....

L-ammont tal-garanzija disponibbli għall-Unjoni: .....

Id-data meta l-ammont tal-garanzija sar disponibbli: .....

5. PROĊEDURA TA' RKUPRU

(Jekk ikun hemm diversi debituri għall-istess dejn, din l-informazzjoni li ġejja għandha tkun ipprovduta għal kull wieħed minnhom)

Kwalità tad-debitur ([2]): .....

Ammont dovut, jekk ikun inqas minn ammont totali stabbilit: .....

Data tan-notifika tad-dejn: .....

Data/i ta' tfakkiriet għall-pagament: .....

([1]) F'ċerti verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, it-terminu "garanzija" jintuża fl-istess kuntest fejn fir-Regolament (KEE) Nru 2913/92 jintuża it-terminu "sigurtà". Għall-finijiet ta' dan l-Anness, dawn it-termini għandhom jinqraw bħala "granzija" fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014.

([2]) Inkluż debituri tar-responsabilità ċivili, rappreżentanti indiretti u garanti.

L-istabbiliment soġġett għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 243(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 tal-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 (Iva/Le)

Livelli milħuqa fil-proċedura tal-appell: .....

Data ta' meta tressaq l-ewwel appell: .....

Id-data tan-notifika tas-sentenza definittiva: .....

Kummenti (fakultattivi): .....

Is-sospensjoni tal-implimentazzjoni skont l-Artikoli 222 u 244 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 u l-Artikolu 876a tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ([1]) jew l-Artikoli 108(3) u 45 tar-Regolament Nru 952/2013 (Iva/Le)

Id-depożitu ta' garanzija fil-każ ta' sospensjoni (Iva/Le)

L-ammont tal-garanzija fil-każ ta' sospensjoni: .....

Ir-raġunijiet għaliex l-ebda garanzija ma ġiet ippreżentata fil-każ ta' sospensjoni: .....

(L-Istati Membri jridu jippreċiżaw jekk kienx hemm eżenzjoni ta' garanzija minħabba diffikultajiet ekonomiċi u soċjali prevedibbli jew le kif ukoll ir-raġunijiet li jiġġustifikaw din id-deċiżjoni)

Il-faċilitajiet ta' pagament skont it-tifsira tal-Artikolu 229 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 jew l-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 (ebda talba/talba miċħuda/talba aċċetata)

Deskrizzjoni tal-arranġamenti dwar faċilitajiet għall-pagament: .....

Id-depożitu ta' garanzija skont ir-regoli dwar il-faċilitajiet ta' pagament (Iva/Le)

L-ammont tal-garanzija marbuta mal-faċilitajiet ta' pagament: .....

Ir-raġuni għaliex l-ebda garanzija ma ġiet iddepożitata fil-każ ta' faċilitajiet ta' pagament: .....

(L-Istati Membri jridu jippreċiżaw jekk kienx hemm eżenzjoni ta' garanzija minħabba diffikultajiet ekonomiċi u soċjali prevedibbli jew le kif ukoll ir-raġunijiet li jiġġustifikaw din id-deċiżjoni)

Data tal-pubblikazzjoni tal-ordni tal-infurzar: .....

In-notifika tal-ordni tal-infurzar (Iva/Le)

Data tan-notifika tal-ordni tal-infurzar: .....

Il-kummenti dwar l-ordni tal-infurzar (fakultattivi): .....

Data/i tal-ħlas(ijiet) irċevuti u magħmula disponibbli: .....

L-ammont(i) ta' ħlas(ijiet) irċevuti u magħmula disponibbli: .....

L-ammonti totali mħallsa u magħmula disponibbli: .....

Id-data/i tal-ordni ta' sekwestru: .....

Ammont miġbur permezz tas-sekwestru: .....

Kummenti dwar l-ordni ta' sekwestru (fakultattivi): .....

Id-data ta' ftuħ tal-proċedimenti ta' falliment/likwidazzjoni/insolvenza: .....

Id-data tad-dikjarazzjoni tal-kreditu fl-ambitu tal-proċeduri: .....

Id-data tal-għeluq tal-proċedimenti ta' falliment/likwidazzjoni/insolvenza: .....

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

L-ammont tar-riżorsi proprji rkuprati fil-qafas tal-proċedimenti ta' falliment/likwidazzjoni/insolvenza: .....

.....

L-assistenza reċiproka għall-irkupru minn Stati Membri oħrajn (id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE [1] jew prekursuri) (Iva/Le)

Ir-referenza tal-Assistenza reċiproka għall-irkupru: .....

L-Istat Membru kkuntattjat: .....

Data tat-talba: .....

Ammont irkuprat: .....

Data tat-tweġiba: .....

Il-kummenti dwar it-tweġiba (b'mod partikolari jekk l-Istat Membru kkuntattjat ikun naqas milli jaġġixxi fuq talba): ...

.....

6. RAĠUNIJIET GĦALIEX L-IRKUPRU KIEN IMPOSSIBBLI GĦALL-AMMONT LI KIEN GĦAD FADAL

(F'din il-parti, l-Istati Membri għandhom jindikaw b'mod ċar pereżempju l-miżuri kollha ta' implimentazzjoni konkreti meħuda u r-raġunijiet għaliex fil-każ ta' proċediment ta' falliment/likwidazzjoni/insolvenza, l-ammont riċevut ma kienx biżżejjed biex ikopri d-dejn jew għaliex ikopri parti biss mid-dejn. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jispjegaw fid-dettall iċ-ċirkostanzi jekk l-entrata fil-kontijiet jew in-notifika ta' dejn doganali ġew differiti sabiex ma jippreġudikawx investigazzjonijiet kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.)

(L-Istati Membri mhumiex mistennija li jipprovdu informazzjoni li diġà kienu kkomunikaw fil-punti 1 sa 5)

7. INFORMAZZJONI OĦRA

---

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra (ĠU L 84, 31.3.2010, p. 1).